**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 201/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tyson Bugeja**

Illum, 7 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Tyson Bugeja, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0414895(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-Ħamis 07 ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11:05hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u ħinijiet ta' qabel dan ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, fi Triq il-Belt Valletta, Raħal Ġdid, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, jew li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu Miraine Bugeja, li tiġi omm bintu, fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu Miraine Bugeja u fejn id-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, kif ukoll meta d-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament u kif ukoll l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
2. U aktar talli bejn it-22 ta' Frar 2024 u t-23 ta' Frar 2024 kif ukoll bejn it-2 ta' Marzu 2024 u t-3 ta' Marzu 2024 u nhar is-7 ta' Marzu 2024 f'diversi ħinijiet,

permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Miraine Bugeja biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Miraine Bugeja jew xi persuni oħra u għamel użu mhux xieraq bih;

3. Kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Miraine Bugeja imposta fuqu mill-Maġistrat Dr Nadine Sant Lia LL.D nhar it-22 ta' Frar 2024 u dan sabiex jipprovdi għall-protezzjoni tal-imsemmija persuna;
4. Kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Miraine Bugeja imposta fuqu mill-Maġistrat Dr Abigail Critien LL.D nhar il-11 ta' Ottubru 2023 u dan sabiex jipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija persuna;
5. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr Lara Lanfranco LL.D nhar il-25 ta' Mejju 2023;
6. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat it-12 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr Monica Vella LL.D li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest;
7. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar it-13 ta' Settembru 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr Neville Camilleri LL.D li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest;
8. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar l-4 ta' Diċembru 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr Abigail Critien LL.D li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest;
9. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tinħareġ ordni ta' protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawża kontra Tyson Bugeja għall-benefiċċju ta' Miraine Bugeja u l-familjari tagħha u dana ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Tyson Bugeja, kif ukoll tordna li s-somma ta' €25,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Tyson Bugeja, kif ukoll tordna li s-somma ta' €16,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Tyson Bugeja, kif ukoll tordna li s-somma ta' €3,500 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A, 251H(a)(b)(i), 251HA, 412C, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 18, 30, 49, 50, 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

i) Sabet lill-imputat Tyson Bugeja mhux ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fejn konsegwentement illiberatu minn kull ħtija u piena minnha;

ii) Għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra Tyson Bugeja il-Qorti laqgħet it-talba għar-rinunzja tal-parte ċivile fejn konsegwentement il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-akkuza għar-rigward l-imputat;

iii) Għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuża l-Qorti sabet lill-imputat ħati tagħha fejn konsegwentement ikkundannatu għall-ħlas ta' mitejn Euro multa;

iv) Għal dak li jirrigwarda r-rimanenti akkużi u ċioe' it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, il-Qorti sabet lill-imputat Tyson Bugeja ħati tagħhom fejn konsegwentement ikkundanatu għall-piena kumplessiva ta' tnax -il xahar priġunerija effettivi;

v) Għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċediva li ġie rifless fid-disa' imputazzjoni, il-Qorti applikat biss dan l-addebitu ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn konsegwentement ma applikatx l-awment fil-grad skond dak dispost taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;

vi) In oltre, fid-dawl tal-ksur tas-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, il-Qorti ordnat r-revoka tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kif impost fuq l-imputat permezz tad-digrieti datati it-12 ta' Novembru 2021, it-13 ta' Settembru 2023 u l-4 ta' Diċembru 2023 kif ukoll ordnat il-konfiska parzjali favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €2,000 mill-kundizzjonjiet datati it-12 ta' Novembru 2021, €5,000 mill-kundizzjonijiet datati t-13 ta' Settembru 2023 kif ukoll €5,000 mill-kundizzjonijiet datati l-4 ta' Diċembru 2023, komplessivament ammontanti għal €12,000.

vii) Għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi ma rrizultax illi kienu nħatru xi esperti mill-Qorti, din id-dispozizzjoni ma ġietx applikata.

Rat ir-rikors tal-appellant Tyson Bugeja, ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn ma sabitux ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni; u
2. Tħassar, tirrevoka u tannula s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuzi dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidum*, f'kaz li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' tnax-il xahar priġunerija effettivi u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 17 t'Ottubru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jistrieħ fuq ir-rinunzja ddikjarata mill-vittma fil-kors tax-xiehda tagħha fejn jisħaq li allura l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni mhux biss ta'l-ewwel imputazzjoni, iżda ukoll tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih billi dawn kienu ukoll rinunzjabbli fit-termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana minħabba li l-azzjoni penali dwar dawn ir-reati hija prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti offiża.

Illi, mill-atti proċesswali jirriżulta li, fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Marzu 2024 quddiem l-Ewwel Qorti, l-parti offiża Miraine Buġeja ddikjarat li ma xtaqitx tixhed sabiex ma tinkriminax ruħha fi proċeduri relatati ma' dan il-każ. Sussegwentment nhar it-30 ta' Mejju 2024, l-istess Buġeja reġgħet ħadet il-pedana tax-xhieda u xehdet bil-ġurament illi xtaqet tirrinunzja għal dawk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant li huma rinunzjabbli mill-parti offiża.

Illi, in vista ta' tali rinunzja, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, senjatament dik li kienet titratta r-reat tal-fastidju mfassal fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li għaddiet sabiex issib ħtija fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' mputazzjonijiet miġjuba kontrih. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilliberah anke minn dawn l-imputazzjonijiet billi dawn twieldu minn l-istess fatt inkriminatorju li kellu bħala il-qofol tiegħu allegat episodju ta' vjolenza domestiku u jakkampa favur tiegħu dak dispost fl-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Issa din id-disposizzjonijiet tal-liġi tagħti s-setgħa lill-pulizija taġixxi, mingħajr il-kwerela privata fil-każijiet ta' vjolenza domestika, b'dan madanakollu illi fil-*proviso* għal dan is-sub-inċiż hemm hekk dispost:

> **Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u decizjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ**

Illi jibda biex ikun osservat illi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant jikkonċernaw reati prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija, kif hemm imfisser fl-artikolu 4(2) tal-Kodiċi Kriminali, li għalihom allura ma jenħtieġx li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiża. L-appellant minbarra r-reat imfassal fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, kien ukoll mixli u misjub ħati bir-reat tal-użu mhux xieraq ta' apparat ta' telekomunikazzjoni, reat maħsub fil-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, apparti il-ksur

ta' żewġ Ordnijiet ta' Protezzjoni, u ksur ta' diversi digrieti fejn kien mogħti il-ħelsien mill-arrest. Huwa paċifiku illi dawn l-aħħar reati huma kollha prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija. Illi is-sub-inċiż (e) għall-artikolu 543 jirreferi għal dik l-azzjoni penali li tmiss lill-parti offiża sabiex titmexxa 'il quddiem u tirnexxi, fejn allura meta din l-azzjoni penali, iżda, tkun titratta każ ta' vjolenza domestika, allura din ma tinneċċessitax iktar il-kwerela, iżda tista' titmexxa *ex officio*, u dan jagħmel sens sabiex ikun hemm il-protezzjoni tal-vittma soġġetta għal dik il-vjolenza li titkellem dwarha l-artikolu 2 tal-Kapitolu 581, fejn, minħabba biża' ta' vjolenza jew theddid ta' l-istess, l-vittma tibża' tmexxi l-azzjoni penali 'l quddiem. Ma jirreferix għalhekk dan is-sub-inċiż għal dawk ir-reati li l-Pulizija tmexxi l-azzjoni penali hi stess mingħajr il-ħtieġa ta' tali kwerela, kif maħsub fis-sub-inċiżi (a) sa (d) tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, u fejn allura ir-rinunzja o meno għall-azzjoni penali ma tistax taffettwa il-prosegwiment tal-azzjoni. Fil-fatt il-proviso hawn fuq iċċitat isemmi '**il-kwerelant**', u allura għandu jinftiehem illi din ir-rinunzja tista' tirnexxi biss fir-rigward tal-azzjoni kriminali li tiddependi mill-kwerela tal-parti offiża u ma tirreferix għal dawk ir-reat fejn il-Pulizija għandhom id-dmir jibdew il-prosekuzzjoni ta'l-istess *ex officio* u mingħajr il-ħtieġa ta' tali kwerela. Illi fil-verità lanqas ir-reat maħsub fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali ma jinneċċessita l-kwerela tal-parti offiża sabiex jirnexxi, sabiex b'hekk lanqas dan ir-reat ma huwa rinunzjabbli, iżda ġaldarba ma hemm ebda appell fir-rigward minn naħa tal-Avukat Ġenerali, l-Qorti hija prekluża milli tidħol biex tqis din il-parti tad-deċiżjoni appellata. Għalhekk, dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju ventilat minnu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-fatti fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Illi, stante li dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-

Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha ezebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Illi, l-appellant huwa mixli u misjub ħati mill-Ewwel Qorti illi permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Miraine Bugeja biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Miraine Bugeja jew xi persuni oħra għamel uzu mhux xieraq bih, u dana bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, l-appellant jisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta kkonkludiet illi, almenu fir-rigward tal-telefonati li seħħew fit-2 u t-3 ta' Marzu 2024, dawn saru minnu. *In oltre*, jisħaq li ma ngabet ebda prova li t-telefonati filfatt saru bejnu u bejn il-parti offiża. Finalment jilmenta li kopja tar-reġistrazzjonijiet ta' tali telefonati ma ġietx mogħtija lilu waqt il-proċeduri u għalhekk kien prekluż milli jiddefendi ruħu għal din l-imputazzjoni.

Illi, jibda billi jingħad illi r-reġistrazzjonijiet msemmija mill-appellant jiffurmaw parti mill-atti proċesswali li huwa kellu dejjem aċċess għalihom. Illi fil-fatt CD kontenenti dawn ir-reġistrazzjonijiet ġiet eżebita mill-Prosekuzzjoni fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti u ċioe' fl-14 ta' Marzu 2024, u mmarkata bħala dokument AMG15. Kienu eżebiti għal darb'oħra mill-CO Clint Zahra fis-seduta tal-04 ta' April 2024 bħala Dokument CZ2, u finalment kienu eżebiti għal darb'oħra mill-Ispettur Christian

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Cauchi fis-seduta tat-02 ta' Mejju 2024 bħala Dokumenti CC1 u CC2. Mill-verbali tas-seduti li saru in prim'istanza ma jidhirx illi id-difiża, la f'dik l-ewwel seduta u lanqas fis-seduti li segwew, ma talbet għal kopja ta' din ir-reġistrazzjoni, jew talbet sabiex dawn jinstemgħu fil-qorti bil-miftuħ. Kwindi l-inattivita' minn naħa tal-appellant ma tistax issa sservi bħala xi forma ta' difiża biex huwa jkun eżonerat mir-responsabbilta' penali. Fuq kollox, jerġa' jingħad, illi dawn ir-reġistrazzjonijiet sa mill-ewwel mumenti tal-proċeduri kienu jinsabu fl-atti li l-appellant kellu dejjem aċċess għall-istess, u dan kif hemm maħsub fl-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem fuq id-dritt ta' aċċess għall-akkużat jew għall-avukat tiegħu għal materjal tal-każ, u mhux dritt għal kopja, li xortawħada meta mitluba tingħata mill-qorti. Għalhekk ċertament li l-appellant ma kien qatt prekluż milli jiddefendi ruħu kif qed jallega.

Illi, il-bqija ta' l-ilmenti mressqin fir-rigward ta' din it-tieni mputazzjoni jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti in konnessjoni ma'l-istess. Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar it-23 ta' Frar 2024, il-parti offiża Miraine Bugeja għamlet rapport lill-Pulizija illi l-appellant, għalkemm kien hemm Ordni ta' Protezzjoni fuq saqajh maħruġ fil-konfront tiegħu, kien ċemplilha darbtejn minn ġewwa l-Ħabs. Stqarret li nhar it-22 ta' Frar 2024 għall-ħabta ta' 14:23, kienet rċeviet telefonata minn numru 21691428 u meta wieġbet u kellimha l-appellant, hija qatgħet il-linja. Sussegwentement, nhar it-23 ta' Frar 2024, għall-ħabta ta' 10:57, 11:07 u 11:17, il-parti offiża irċeviet iktar telefonati minn numru 27955841 fejn stqarret li kienet semgħet leħen l-appellant.

Illi, ukoll jirriżulta li nhar l-4 ta' Marzu 2024, Bugeja intavolat rapport ieħor fil-konfront tal-appellant: –

> **Miraine stqarret li nhar is-Sibt 02/03/2024 Tyson beda jċempel mill-Ħabs minn fuq in-numru 27955841 għal fuq in-numru tad-dar tagħha 27992998 (melita) fil-ħinijiet ta' 09:59hrs ma weġbitx, 15:17hrs telefonata damet 23 sekonda, 15:20hrs telefonata damet 1 min 46, 15:36 telefonata damet 1 minuta 48 sekonda, 15:38hrs telefonata damet 13 sekonda u għall-ħabta ta' 15:40hrs qatatlu l-linja. Tyson reġa' ċempel fuq it-telefon tad-dar ċempel għall-ħabta ta' 15:43hrs liema telefonata ġiet imwieġba minn Miraine u damet għal 33 sekonda. Dak il-ħin hija stqarret li għajjarha izda ma tafx ezatt xi kliem kien uza.**

**Miraine kompliet tistqarr illi dakinhar stess u ċioe' nhar it-2 ta' Marzu 2024 kien hemm aktar telefonati fil-ħin 16:05hrs liema telefonata damet 39 sekonda, 16:21hrs damet minuta u 12 -il sekonda, 16:23hrs li damet minuta u 27 sekonda, 16:53hrs sittax -il sekonda, 16:56hrs damet 5 sekonda, 16:57hrs telefonata damet 15 -il sekonda, 16:58hrs 11 -il sekonda, 17:20hrs damet minuta u 43 sekonda, 17:35hrs ma weġbitx, 18:42hrs it-telefonata damet għal 8 minuti u 23 sekonda fejn skond Miraine, Tyson beda jgħidilha li kien jaf li l-ġurnata ta' qabel u ċioe' il-Ġimgħa kienet qegħdha ma' oħtu ġewwa garaxx ta' ċertu Michael li skond Miraine lanqas biss taf min hu u iktar minn hekk qalilha ukoll li wara kienu marru flimkien l-Armier. Miraine weġbitu li dan ma kienx minnu. Miraine weġbitu li skond informazzjoni li kellha kienet Nicole u ċioe' in-neputija tiegħu li kienet marret Ħal Qormi u l-Armier u mhux hi. Miraine qed tissuspetta li din Nicole qed tivvinta u tgħid dawn l-affarijiet lil Tyson biex tirrabjah għaliha. Fl-istess telefonata Tyson saqsa lil Miraine biex tagħtih n-numru ta' kuntatt ta' Nicole li huwa 99173333. Wara dik it-telefonata għal dakinhar Tyson ma reġax ikkuntatja lil Miraine. Skond Miraine dawn it-telefonati saru għal fuq il-linja tad-dar tagħha u ġew 'diverted' għal linja tal-mobile ċellulari tagħha u għaldaqstant seta' jkollha 'screen shots' tal-imsemmija telefonati.**

**Ta' min jinnota li minn nhar 03/03/2024 Nicole bdiet tibgħat il-messaġġi fuq Messenger lil Miraine b'ċertu theddid – rapport dwar dan sar ġewwa l-Għassa ta' Bormla referenza 4/POL/1158/2024.**

**Miraine stqarret ukoll li l-Ħadd 03/02/2024 għal ħabta ta' 08:15hrs u 08:30hrs, 09:00hrs, 09:30hrs u 10:00hrs, reġa' ċempel Tyson fuq il-linja tad-dar tagħha u dawn ma ġewx diverted. Għal ħabta ta' 10:27hrs tidher telefonata li damet għal 44 sekonda, stqarret ukoll li fil-11:00hrs kien hemm telefonata oħra minn fuq it-telefon tal-ħabs 27955841 għal fuq it-telefon tad-dar 27992998 (melita). Waqt dawn t-telefonati, Tyson beda isaqsija ħabba xi ħwejjeġ li għandu għandha, saqsiha għal numru tal-avukat tiegħu u reġa' beda jaqbadha fuq Michael. F'dawn it-telefonati qalilha ukoll "Mur ma Michael, ja qaħba" u qatatlu l-linja.**

Illi, dwar dawn it-telefonati, l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija nhar it-12 ta' Marzu 2024, fejn wara li ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi, innega li hu kien ċempel lil Buġeja sabiex idejjaqha, imma stqarr li kien ċemplilha sempliċiment għax hija stess kienet bagħtet messaġġ ma' missieru sabiex tinfurmah li kienet l-isptar.

Illi, mit-testimonjanza tal-*Correctional Officer* Clint Zahra, jirriżulta li t-telefonati li dwarhom intavolat ir-rapporti l-parti offiża kollha oriġinaw minn ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ġie speċifikat li t-telefonati li saru lil Buġeja nhar it-2 u t-3 ta' Marzu 2024, saru mill-*pin code* tal-appellant, liema *pin code* individwali jiġi assenjat lil

kull priġunier li jinsab fil-Faċilita' sabiex ikun jista jagħmel użu mit-telefon, filwaqt li t-telefonati li saru nhar it-23 ta' Frar 2024, saru mill-*pin code* ta' ċertu Anthony Pirotta. *In oltre*, mit-testimonjanza ta' Christian Joseph Bartolo, in rapprezentanza tas-soċjeta' Melita rrizulta li n-numri 27992998 u 77399117 huma rreġistrati fuq il-parti offiża filwaqt li n-numru 27955841 huwa rreġistrat fuq il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ġie ppruvat ukoll li fid-dati ndikati fiċ-ċitazzjoni *de quo*, l-appellant fil-fatt kien jinsab inkarċerat.

Illi, l-appellant kien misjub ħati tar-reat imfassal fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta l-Ewwel Qorti straħet essenzjalment fuq l-istqarrija rilaxxata mill-appellant stess lill-pulizija mal-arrest tiegħu, fejn huwa ammetta li kien għamel telefonata waħda lil Buġeja, għalkemm innega li heddidha jew insulentaha fiha, kif ukoll jistqarr illi kienu saru żewġ telefonati oħra minn Buġeja filwaqt li kien jinsab inkarċerat. Dan b'referenza għat-telefonati li saru bejn it-02 u it-03 ta' Marzu 2024 billi, tikkontendi l-Ewwel Qorti, illi l-vuċi li tinstema' fit-telefonati li saru bejn it-22 u it-23 ta' Frar 2024 ma hijiex dik tal-appellant. Tikkonkludi l-Ewwel Qorti, madanakollu, illi fit-telefonati li saru bejn it-02 u it-03 ta' Marzu 2024 jinstema' l-vuċi tal-appellant u d-diskors, konsistenti f'theddid, insulti u kliem vulgari, li fil-fehma tagħha, jaqa' fl-ambitu ta' dak ipprojbit fl-artikolu 49(ċ) tal-Kap.399. Qiset madanakollu illi l-parti offiża ma xehditx u allura ma kienx possibbli għal Qorti tistabbilixxi jekk hija ħassitix mhedda u/jew inġurjata b'dak id-dikors, iżda kien jiriżżulta kliem vulgari jew dagħa li allura, fil-fehma tagħha, isarraf f'reita'.

Illi, *in oltre*, speċifikament dwar ir-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (c) għall-artikolu 49, u ċioe' l-użu mhux xieraq ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ġie superjorment deċiż li -

> **"Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li tal anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."**[2]

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012.

Illi, dan il-kliem vulgari u dagħa, għalkemm l-parti offiża ma xehditx quddiem il-Qorti u għalkemm għażlet li tirrinunzja għall-azzjoni penali fil-konfront tal-appellant, jirriżulta mir-reġistrazzjonijiet telefoniċi eżebiti. Abbinat ma' dan il-kliem vulgari hemm ukoll kliem inġurjuż u ukoll ta' theddid li huwa ppruvat li vvessa lill-parti offiża tant illi din irrikorriet għand il-pulizija u għamlet żewġ rapporti separati fil-konfront tal-appellant f'temp ta' ftit jiem. Jikkonsegwi għalhekk illi din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha tqis illi r-reat ravviżat fl-artikolu 49(ċ) tal-Kap.399 jissusissiti u huwa ndubitat għal din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, li t-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellant ġiet ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi. B'hekk ma hemm xejn sindikabbli fis-sentenza mpunjata fir-rigward.

**<u>It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet</u>**

Illi, l-appellant instab ħati ukoll illi kiser Ordni ta' Protezzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Nadine Sant Lia) datat it-22 ta' Frar 2024 kif ukoll Ordni ta' Protezzjoni ieħor datat il-11 ta' Ottubru 2023, ukoll maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Abigail Critien). Jisħaq l-appellant illi stante r-rinunzja tal-parti offiża, huwa ma kellux jinstab ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, dawn l-imputazzjonijiet huma prosegwibbli *ex officio* u għaldaqstant ir-rinunzja tal-parti offiża ma tnaqqas xejn mill-fatt illi l-appellant kiser mhux Ordni waħda imma żewġ Ordnijiet tal-Qorti li huwa dehrlu li kellu jinjora u mhux biss, iżda, *ex admissis* jirriżulta illi huwa kkomunika mal-parti offiża. Illi mir-reġistrazzjonijiet eżebiti, imbagħad tat-telefonati inkriminatorji jemerġi illi f'din il-komunikazzjoni l-appellant hedded u għajjar lil parti offiża bi kliem mhux xieraq. Għalhekk, ma hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward.

**<u>Is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet</u>**

Illi, l-appellant instab ħati ukoll illi kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu f'tlett digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fejn huwa kien konċess il-ħelsien mill-arrest, senjatament dawk imposti fuqu b'digriet datat it-12 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Monica Vella, kif ukoll dawk imposti fuqu

b'digriet datat nhar it-13 ta' Settembru 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Neville Camilleri u finalment dawk imposti fuqu b'digriet datat nhar l-4 ta' Diċembru 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Abigail Critien. Fost il-kundizzjonijiet elenkati, kien hemm ukoll il-kundizzjoni li huwa ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja.

Illi, hekk kif ġie deċiż aktar 'il fuq, l-appellant mhux biss ikkometta delitt ta' natura volontarja meta għamel użu mhux xieraq minn apparat elettroniku fil-konfront tal-kwerelanti, iżda ukoll kiser żewġ Ordnijiet ta' Protezzjoni imposti fuqu. Jikkonsegwi għalhekk illi huwa kiser il-kundizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fit-tlett digrieti surriferiti. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant a rigward kif għamlet.

Finalment, l-Ewwel Qorti sabet il-ħtija għall-addebitu tar-reċidiva unikament fit-termini ta'l-artikolu 49 u mhux ukoll taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali billi l-Prosekuzzjoni ma eżebit ebda sentenza ta' qorti, għalkemm fil-fehma tagħha kundanni preċedenti kienu jemerġu mill-fedina penali tal-appellant. L-appellant jikkontendi illi stante li l-imputazzjonijeit l-oħra ma jirriżultawx ippruvati lanqas setgħet tinstab il-ħtija għal dan l-addebitu.

Issa, miżmum ferm is-sejbien ta' ħtija kif dikjarat mill-Ewwel Qorti, dan l-aggravju kif ippostulat ma jistax jirnexxi. Madanakollu, bħal ma dejjem kien ritenut, l-aħjar prova sabiex ikun ppruvat dan l-addebitu hi li tigi eżebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li teżebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova ta' l-identita'. Iżda, jekk il-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq din il-prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu gie misjub ħati. Kien hekk affermat:

> **"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi**

**precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotatimehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.**

**Il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva beyond reasonable doubt kif suespost.[3] "**

U allura, għalkemm is-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali ma wassal għal ebda żieda fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, madanakollu dan l-addebitu, għal raġunijiet diversi minn dawk miġjuba 'il quddiem mill-appellant fl-aggravju tiegħu, ma jistax jirriżulta ppruvat. Għal dawn il-motivi għalhekk l-appellant għandu jkun illiberat minn dan l-addebitu stante nuqqas ta' provi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellant jitlob ukoll mitigazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, għalkemm ma jressaq ebda aggravju formali u *ad hoc* in konnessjoni ma' dan l-ilment. Issa l-Qorti mhijiex mistennija toqgħod tfittex hi u tispigola mill-atti xi mottiv li abbażi tiegħu l-appellant seta' ħassu aggravat mill-piena infolitta fuqu, iktar u iktar meta dik il-piena tkun waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[4] .

[3] Il-Pulizija vs Anthony Sammut App.Inf. 09/06/2004
[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, kif ingħad il-piena erogata hija waħda fil-parametri prospettati mill-Liġi. *In oltre*, tali piena tirrispekja n-natura ta' l-akkużi li dwarhom l-appellant instab ħati kif ukoll il-fedina penali tiegħu, fejn jidher illi hemm repetizzjoni ta' offiżi, b'mod ewlieni dak ta' ksur ta' ordnijiet tal-qorti b'mod konsistenti. Magħdud dan kollu, għalhekk din l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni 'il għala l-piena mposta fuq l-appellant għandha tiġi mibdula b'xi mod.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma is-sentenza appellata u dan unikament fejn l-appellant kien misjub ħati tal-addebitu tar-reċidiva u minflok tilliberah mill-istess. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**